# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 98

16 ta' April, 2019

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.35 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea– Viċi Sindku
Margaret Said – Kunsilliera
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

## ASSENTI

n/a

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 98**

98.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
98.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 97 – 8;
98.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
98.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
98.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
98.6 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2018;
98.7 Rapport ta’ Tender SNTLC 03/2019 Restoration of Rubble Walls in Ta’ Sannat (Miżura 4.4);
98.8 Skema – Ħajja aħjar permezz ta’ Eżerċizzju Fiziku u Sports;
98.9 Kors tal-ħjata u patchwork;
98.10 Premju - l-ewwel post minn Għawdex mill-ġbir ta’ skart organiku;
98.11 Jum Sannat – Premju Ġieħ Sannat – Rikonoxximent Żgħazugħ/a tas sena 2019;
98.12 Fuljett/Gażżetta;
98.13 Ilmenti u Suġġerimenti;
98.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 4/2019;
98.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 98 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

98.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 98.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

98.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċidenti Nru. 97 – 8 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 98.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

98.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill fejn għat-tieni sena konsekuttiva nhar il-Ħadd 7 ta' April 2019, fi Triq tal-Gruwa, fit-8.00 p.m. ittella' il-mużikal bibliku bl-isem "Ikun li trid int" b'fondi miksub minn Easter in Gozo fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Għal din l-attivita' kien hemm 80 parteċipant f'kantanti u atturi. Din l-attivita' wriet biċ-ċar kemm f'Ta' Sannat hawn talent fil-qasam tal-palk. Hu qal li rringrazzja pubblikament lis-Sopran Georgina Gauci għad-direzzjoni mużikali, lis-Sur George Mizzi għad-direzzjoni artistika, lis-Sur Noel Debono tad-disinn tal-produzzjoni u lil dawk kollha involuti mit-tfal sal-kbar biex b'hekk dan il-mużikal kien wieħed ta' suċċess u li għalih attendew numru sabiħ ta' udjenza. Hu qal li għandu jsir reception żgħir lill-parteċipanti.

98.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kif kien qal fil-laqgħa preċedenti il-Kunsill kien ibbenefika l-ammont ta' €10,000 u li l-kuntratt ġie ffirmat u preżentat nhar il-Ġimgħa 6 ta' April 2019 minn skema kulturali fi ħdan il-Minsiteru għal Għawdex għal attivita' bl-isem ta' EST! EST!! EST!!! Ta' Sannat Wine Fesitval u li dan ser jsir nhar is-Sibt 18 ta' Mejju 2019 fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri. Is-sotto-kumitat qed jaħdem bi sħiħ biex din l-attivita' ukoll tkun waħda ta' suċċess. Hu qal li l-Kunsill għandu jinvolvi lill-NGO's tal-lokal biex kulħadd jiġbed ħabel wieħed u jaħdem bi ħġaru.

98.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 9 ta' April 2019, ġie ffirmat il-Kuntratt għax-xogħolijiet fi Sqaq Dun Nastas fi Triq Ta' Ċenc biex isir wiċċ ġdid b'patterned monolitich concrete system. Il-Kunsill diġa rċieva pagament bil-quddiem ta' €10982.23c mid-DEPF (Planning Authority) biex b'hekk ikun jista jibda jsir ix-xogħol mill-Kuntrattur Vella Bros. Ltd. Il-Kunsill Lokali diġa għandu kuntratt miegħu.

98.3.4 Is-Sindku qal li dwar l-applikazzjoni tax-xogħolijiet ta tisbiħ fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri l-Kunsill għadu qed jistenna mingħand id-DEPF (Planning Authority) biex jiġu ffirmati l-kuntratti biex b'hekk il-Kunsill ikun kiseb dawk il-fondi għal dawn il-proġetti. Is-Sindku ssuġġerixxa li għandhom jsiru artistic impressions designs ta dan il-proġett.

98.3.5 Is-Sindku qal lill-Kunsill li kif wieħed jista jara l-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. beda ix-xogħolijiet fi Triq Sannat. Hu qal li saru diversi laqgħat flimkien mall-Perit u l-entitajiet konċernati fuq din it-triq peress li minn din it-triq għaddejin is-servizzi kollha. Huwa spjega li l-water culvert

ser jgħaddi minn fuq in-naħa tal-binja tal-Kunsill fejn il-quddiem ser isiru l-parking bays fuq dan il-culvert, dan biex ir-residenti f'din it-triq ikunu protetti meta tagħmel ix-xita dan peress li meta tkun ix-xita huma bosta residenti li jimtlew bl-ilma fi djarhom. Għal dan ix-xogħol biex isir il-water culvert fuq parir tal-Kuntrattur u tal-Perit qed jintuża apparat apposta (sega) biex ma ssirx ħsara bl-inġenji kbar fuq il-kalkara tal-ġir u anke l-balavostri tal-ħajt tal-iskola. L-EneMalta talbet biex f'din it-triq isiru kanali li jaqsmu minn naħa għal oħra tat-triq. Is-Sindku qal ukoll li l-wires tas-servizzi li hemm f'din it-triq ser jitneħħew u se jgħaddu minn service culvert apposta. Hu qal ukoll li minn naħa tal-WSC se jibdlu xi main tal-ilma.

98.3.6 Fis-1.48 p.m. L-ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ Marie Georgette Spiter daħlet għal din il-laqgħa.

98.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat minn residenti li jżuru l-erbgħat Ta' Pinu biex bħas-snin l-imgħoddija tiġi organizzata minibus għal dawk interessati. Il-persuna responsabbli se tkun bħas-snin ta qabel is-Sinjura Salvina Curmi. Il-Kunsill qabel ma dan.

98.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali talbet lill-Kunsilli Lokali biex jifformulaw ittra għal mandat ta' ftehim ma' Heritage Malta biex l-Anzjani jkunu jistgħu jidħlu b'xejn fil-mużewijiet.

## 98.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

98.4.1 Ma kienx hemm tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

## 98.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

98.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li sar ix-xogħol neċessarju biex l-offerta tal-Household Refuse Collection li se tagħlaq fit-30 ta' Ġunju 2019 u li ġie maqbul bejn il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat, Ix-Xagħra u Ix-Xewkija biex toħroġ offerta waħda kunġunta. Id-dokument ta din it-Tender jinsab fit-taqsima tal-Procurment fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Meta din tiġi vetjata mid-DLG il-Kunsilli konċernati jkunu jistgħu jippublikaw din l-offerta. Dan ix-xogħol din id-darba se jgħamlu il-Kunsill Lokali Ta' Sannat peress li meta kienet ħarġet 4 snin ilu kien ha ħsieb li jippublika l-Kunsill Lokali Ix-Xagħra. Hu qal li talab il-Kunsilli rispettivi biex jinħatar bord. Il-Kunsilli qablu li dan il-bord se jkun kompost minn Sindku bħala ċ-Ċerperson, il-membri l-Avukat Dr. Larry Formosa, l-Accountant Paulina Said, u Sur William Sultana u Segretarju Eżekuttiv.

98.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li s-sistema tat-telefonija tal-uffiċċju tal-Kunsill mix-xahar ta' April nbidlet mall-kumpanija Go p.l.c. kif kien maqbul mill-Kunsill fil-laqgħat preċedenti.

98.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li nhar il-Ġimgħa 26 ta' April 2019, fis-7.30 p.m., ser issir il-laqgħa tar-Reġjun fl-uffiċċju tagħhom. Is-Sindku qal li se jattendi.

98.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li d-90 ġurnata tal-ħatra tad-Deputat Segretarju daqt jiskadu u għalhekk talab biex il-Kunsill jara jekk hux se jerġa jġedded jew se jaħtar lil xi ħadd ieħor. Il-Kunsill qabel li jġedded.

98.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Bank of Valletta infurmatu b'permezz ta' ittra li l-Kunsill irid jaħtar System Administrator biex il-Kunsill jkun jista jaċċessa l-BOV 24x7 Service peress li fil-passat kien il-BOV stess li kien qed joffri dan is-servizz. Il-Kunsill qabel unnanimament li

għandu jinħatar is-Segretarju Eżekuttiv.

98.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li għandu jaħtar persuna biex tkun tista tgħamel ix-xogħol tal-Data Protection Officer peress li dak maħtur għandu biss sa l-aħħar ta' Mejju 2019.

98.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li dwar il-pagament ta' Triq Bardan minn M4.3 jista jitħallas biss l-ammont ta' €47,000 dan peress li fil-kont tal-Bank Ċentrali hemm dan l-ammont ta' €47210.61c meta l-kont tal-kuntrattur hu ta' €62824.17. Dan l-ammont fil-bank jikkonsisti fil-prepayment li għamlet l-ARPA ta' €28215.40 u €19010.00 li għadda l-Kunsill għal ammont tal-10% tal-ammont eleġibli u d-differenza tal-ammont ineliġibli. Għalhekk il-Kunsill ġie nfurmat mid-DLG li l-Kunsill irid joħroġ id-differenza pendenti bl-ammont ta' €15613.56ċ u wara l-Kunsill jiġi rimbursat. Il-Kunsill tkellem mad-DLG biex jara jekk dan l-ammont jistax jitħallas mill-grant mingħand ARPA iżda s'issa għadna bla risposta. Sadanittant il-Kunsill applika għal fondi tal-kofinanzjament mad-DLG kemm l-ammont tal-10% tal-eleġibli u ta' dak l-ammont tal-ineleġibli.

98.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li fil-lift tal-uffiċċju tal-Kunsill ma hemmx telephone f'każ ta' emerġenza u talab stima mingħand min kien inxtara. Il-kwotazzjoni għal dan hi ta' €218.30c.

98.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkulari mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li din giet iċċirkulata lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
Ċirkulari Numru SPI 6/2019: Espressjoni ta' nteress għall-programm: Għaqal id-Dar – Ħajja Aħjar. Il-Kunsill qal li dan il-programm ingħata s-sena l-oħra f'din il-lokalita'.

## 98.6 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2018

98.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill, l-*Audited Financial Statements* għas-sena 2018. Il-Kunsill qabel ma dawn l-istatements u ġew approvati u ffirmati minnu u s-Sindku biex jintbgħatu lill-Awditur fil-ħin.

## 98.7 Ħruġ ta' Offerta mill-ġdid – Tender SNTLC 03/2019 Restoration of Rubble Walls in Ta' Sannat (Miżura 4.4)

98.7.1 Is-Sindku qal li wara li l-Kunsill kien ħareġ għat-tielet darba s-sejħa tal-Offerta bin-numru SNTLC 03/2019 Restoration of Rubble Walls in Ta' Sannat minn Miżura 4.4. u li din għalqet illum stess il-Kunsill reġa qabbad il-bord biex din l-offerta tiġi evalwata u aġġudikat. L-unika offerta li nxteħtet ma kelliex id-dokumenti rikjesti kollha u għalhekk ġiet invalida. Il-Kunsill għandu jerġa joħroġ din l-offerta b'exelaration mill-ġdid. Il-Kunsill qabel li se jżomm l-istess bord għall-evalwazzjoni w aġġudikazjoni ta' din l-offerta.

## 98.8 Skema – Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sports

98.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill biċ-Ċirkulari mid-DLG Nru. SPI12/2018 – Skema Finanzjarja favur il-Komunita' – Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sports. Il-Kunsill wara li kien applika, ġie allokat l-ammont ta' €2403.80 fejn il-Kunsill irid joħroġ 15% biex iwettaq dak miksub. Għalhekk il-Kunsill se jorġanizza Aerobic sessions u l-bqija ser jintefqu f'affarijiet relatati mall-

isport. Il-Kunsill beda jaħdem fuq dan wkoll u se jibda s-sezzjoniet tal-Aerobic kull nhar ta' Tlieta u Ħamis bejn is-6.00 p.m. u s-7.00 p.m. fil-grawnd tal-iskola primarja. Il-Kunsill se jorganizza Field Day għat-tfal kif ukoll league tal-boċċi.

98.8.2 Fis-2.07 p. m. il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana daħlet għal din il-laqgħa.

## 98.9 Kors tal-ħjata u patchwork

98.9.1 Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-Active Ageing fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex fis-sala tal-Kunsill jibdew jingħataw lezzjonijiet tal-ħjata u patchwork kull nhar ta' Ġimgħa mid-9.00 a.m. sa nofsinhar. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 98.10 Premju – l-ewwel post minn Għawdex mill-ġbir tal-iskart organiku

98.10.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill rebaħ l-ewwel post minn Għawdex f'ċerimonja li saret apposta nhar l-Erbgħa 3 ta' April 2018 minn WasteServ Malta Ltd. mill-ġbir tal-iskart organiku bieb bieb. B'hekk il-Kunsill ibbenefika €5000 li dawn iridu jintużaw għal benefiċċju ambjentali mhux bilfors ma dak li għandu x'jaqsam ma l-iskart sa mhux aktar tard minn din is-sena. Is-Sindku qal li bħal ma kien maqbul mill-Kunsill riċentament għada kemm ġiet installata playing equipment għal persuni bi bżonnijiet speċjali fil-Playing Field u se jipprova li din tiġi mħalsa permezz ta dan il-premju. Jekk jista jsir dan, se jkun għad fadal l-ammont ta' €1757.36 li dwar dan ssuġġerixxa li jista jeħel xi gym equipment fl-istess playing field b'dawn il-fondi. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeritment.

## 98.11 Jum Sannat – Premju Ġieħ Sannat - Rikonoxximent Żgħażugħ/a tas-sena 2019

98.11.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex ikun jista jinforma lill-Kunsill kemm daħlu nomini mill-applikazzjonijiet għal Premju Ġieħ Sannat u għar-Rikonoxximent Żgħażugħ/a tas-sena 2019. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li sa nofinhar ta' nhar il-Ġimgħa 12 ta' April 2019, il-Kunsill irċieva tnax il-applikazzjoni għall-żewġ nomini għal Premju Ġieħ Sannat u żewġ applikazzjonijiet għall-żewġ nommini għar-Rikonoxximent Żgħażugħ/a tas-sena 2019.

98.11.2 Fis-2.25 p.m. is-Sindku talab biex din il-laqgħa tiġi sospiża mill-live streaming biex jiġu diskussi l-applikazzjonijiet għal Premju Ġieħ Sannat u r-Rikonoxximent Żgħażugħ/a tas-sena 2019.

98.11.3 Fis-2.35 p.m. tkompliet il-laqgħa.

98.11.4 Il-Kunsill ra l-applikazzjonijiet u wara li ra sew dawn l-applikazzjonijiet il-Kunsill talab biex issir votazzjoni. Il-votazzjoni saret u rrizulta li Premju Ġieħ Sannat għandu jingħata lil Gozo College Sannat Primary School and Special Unit u r-Rikonoxximent Żgħażugħ/a tas-sena jingħata lil Valentina Rapa.

## 98.12 Fuljett/Gazzetta

98.12.1 Is-Sindku ssuġġerrixxa lill-Kunsill li peress li dan il-Kunsill ser jkun qed jgħalaq il-mandat tiegħu ta din il-leġiżlatura f'Ġunju li ġej, qal ikun xieraq u ġust li l-Kunsill Lokali jippublika gazzetta jew fuljett bix-xogħolijiet li wettaq. Hu talab biex sa l-aħħar ta dan ix-xahar il-Kunsilliera jippreżentaw artiklu qasir dwar din l-esperjenza fil-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

98.12.2 Fit-2.55 p.m. il-Kunsilliera Cassar Sultana skużat lill-Kunsill li kellha toħroġ mill-laqgħa.

## 98.13 Ilmenti u Suġġerimenti

98.13.1 Resident talab li fi Triq Sannat hemm bżonn li ssir mera faċċata ta' Triq 28 ta' April 1688. Il-Kunsill qabel li din il-mera għandha titwaħħal wara li din it-triq tingħata wiċċ ġdid.

98.13.2 Resident minn Triq Moxa bagħat *email* bir-ritratti fejn qed juri l-bankina imkissra quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li din għandha tiġi rranġata

98.13.3 Resident qed jilmenta li fi Triq Sannat hemm ħofor perikolużi biex dawn jimtelew.

98.13.4 Il-Kuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku qed jissuġġerixxi biex ir-residenti ta' Triq Dun Xand u dawk tal-Pjazza Santa Margerita jikkolaboraw u jtellgħu jew iniżlu il-borża taż-żibel 'l fuq jew 'l isfel peress li t-triq tinsab mgħaluqa minħabba x-xogħolijiet tal-water culvert li qed isir fil-Pjazza. Is-Sindku qal li dan l-inkonvenjent kien biss għal ftit ġranet sa ma jitħaffer u jgħaddu l-katusi tal-water culvert mill-gandott li qasam it-triq.

98.13.5 Persuna li xtrat biċċa art għall-iżvilupp fi Triq Dun Luqa qed titlob lill-Kunsill biex jikteb lill-WSC biex f'din it-triq jgħaddi s-servizz tad-drenaġġ peress li ma hemmx. Il-Kunsill qabel li għandha ssir din it-talba fuq parir tal-Perit.

98.13.6 Residenti minn Triq il-Kbira faħħru u rringrazzjaw lill-Kunsill flimkien mall-istaff għaliex beda ix-xogħol fuq Triq Sannat u li fl-aħħar ser tingħata wiċċ ġdid bit-tarmak.

98.13.7 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn persuni barranin biex issir laqgħa apposta magħhom. Il-Kunsill qabel biex din il-laqgħa ssir nhar is-Sibt 27 ta' April 2019 fl-4.30 p.m.

98.13.8 Is-Sindku qal li fi Triq il-Kbira ma dar nru 39 hemm bankina miksura. Il-Kunsill qabel li din tiġi rranġata.

## 98.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 4/2019

98.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 4/2019 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

98.14.2 Fit-3.03 p.m. il-Kunsillier Joseph Bajada skuża lill-Kunsill u ħareġ mill-laqgħa.

## 98.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

98.15.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.08 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 3 ta' Mejju 2019, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 14 ta' Mejju 2019

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |